# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 235/2012: **RICHARD CACHIA CARUANA (I.D. 139255M) V. ONOR. JOE MIZZI U KURT FARRUGIA**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 - KRONAKA ĠUSTA – FAIR COMMENT - KUMMENTI ĠUSTI – PUBBLIKAZZJONI TA' XNIEGHAT )

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**31 ta' Jannar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Richard Cachia Caruana ("ir-rikorrent") ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu talab:

*"1) Prevja d-dikjarazzjoni ta' dina l-Qorti illi parti mid-diskors imxandar mill-intimat Mizzi (Dok. A) waqt l-aħbarijiet ta' One TV tat-13 ta' Lulju 2012 tas-7:30 p.m. – ta' liema stazzjon l-intimat Farrugia huwa l-editur reġistrat – huwa libelluż fil-konfront tar-rikorrenti u għandhom bħala skop li jtelfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-istess rikorrent;*

*2) Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li tiddetermina din il-Qorti bħala danni morali għall-malafama a tenur tal-Art. 28 tal-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."*

wara li rat ir-risposta tal-Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia ("l-intimati") ippreżentata fit-3 ta' Settembru 2012[1] li permezz tagħha rrispondew kif ġej:

*"1. "Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi.*

*2. Illi f' kull każ l-pubblikazzjoni indikata mill-attur mhijiex libelluża fil-konfront tiegħu .*

*3. Illi inoltre fir-rigward tal-konvenut Kurt Farrugia:*

*(i) Ix-xandira indikata mill-attur tikkonsisti f'rappurtaġġ ġurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali aċċettabbli f' soċjetà demokratika, kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taħt liġijiet ta' l-Istampa.*

*(ii) Subordinarjament u bla preġudizzju għas-sueċċepit fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll f' espressjonijiet ta' l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-ġurnalist u hija fair comment magħmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.*

*4. Illi fir-rigward tal-konvenut Onor. Joe Mizzi:*

*(i) Bil-pubblikazzjoni imsemmija l-eċċipjent Joe Mizzi kien iwieġeb fil-vesti tiegħu pubblika bħala deputat tal-poplu, kif għandu dritt u obbligu, bi kritika politika, fuq fatti kif jafhom personalment dwar materja ta' interess pubbliku u dwar amministrazzjoni pubblika.*

*(ii) Inoltre, l-istess risposti kienu jikkonsistu wkoll f' espressjonijiet ta' l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-eċċipjent u huma fair comment fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa, kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.*

*5. Salvi eċċezzjonijiet oħra."*

wara li rat li l-Qorti diversement preseduta kienet semgħet ix-xhieda tar-rikorrent fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2012[2] u l-10 ta' Ġunju 2013 u in kontro-eżami fis-seduta

---

[1] Fol 7
[2]Fol. 10-13

tad-29 ta' Settembru 2014[3]; tal-ex-Kummissarju tal-Pulizija George Grech prodott mir-rikorrenti fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2013[4]; tal-ex-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar prodott mir-rikorrent fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2014[5] u tal-intimat Onor. Joe Mizzi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[6] ,

wara li rat li din il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-intimat Joe Mizzi in kontro-eżami fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021[7]; u tal-intimat l-ieħor Kurt Farrugia in kontro-eżami fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021[8],

wara li rat l-affidavit tal-intimat Onor. Joe Mizzi ppreżentat permezz ta' nota fit-3 ta' Frar 2017[9]; u l-affidavit tal-intimat Kurt Farrugia ppreżentat seduta stante fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2019[10],

wara li rat li l-atti tal-libell kriminali numru 7/2012 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Onor Joe Mizzi u Kurt Farrugia" ġew allegati ma' dan il-proċess kif ordnat b' verbal tal-14 ta' Mejju 2018 tal-istess kawża,[11]

wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2014 ir-rikorrent iddikjara magħluqa l-istadju tal-provi tiegħu,

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Frar 2015 l-kawża ġiet differita' għall-aħħar darba għall-provi intimati bl-intiża ċara li wara dakinhar il-provi intimati kienu ser jiġu dikjarati bħala magħluqa,

wara li rat li fis-seduta tal-23 ta' Marzu 2015 l-Av. Pawlu Lia għall-intimati għamel referenza għall-proċeduri kriminali fuq l-istess mertu u r-rikors minnu ppreżentat f' dawk il-proċeduri u għalhekk talab differiment sabiex jirregola ruħu wara li l-Qorti tiddegreta r-rikors fil-proċeduri kriminali,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2017 l-Qorti ġiet infurmata mill-avukat tar-rikorrent illi fil-21 ta' Novembru 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet ir-referenza kostituzzjonali illi saret fil-proċeduri kriminali relatati mal-każ odjern. Il-Qorti għalhekk osservat li l-kawża odjerna tista' titkompla. Aktar tard però deher Dr Pawlu Lia għall-

[3]Fol. 45-48
[4][4]Fol. 21-24
[5]Fol. 39-40
[6]Fol. 50 - 55
[7]Fol. 109-117
[8]Fol. 118-119
[9]Fol. 79 - 80
[10]Fol. 98-100
[11] Fol 57 tal-proċess tal-libell kriminali

intimat li għarraf lil Qorti li huwa appella mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk l-kawża ġiet differita għal kontinwazzjoni,

wara li rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti osservat illi għalkemm din il-kawża kienet qed tistenna referenza kostituzzjonali fuq proċeduri kriminali, dakinhar bid-dħul fis-seħħ tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta li daħal in vigore permezz tal-Avviż Legali 150 tal-2018 il-kawża kriminali intemmet *ex lege*. F'dak l-istadju Dr Lia talab żmien biex jirregola ruħu kemm dwar tali fatt kif ukoll għall-provi li kien fadallu u l-kawża ġiet differita' għall-provi tal-intimati,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018 Dr Lia għall-intimati għarraf lil Qorti li mis-sentenza kostituzzjonali sar appell li ġie differit għat-trattazzjoni għall-15 ta' Ottubru 2018 u għalhekk talab li jkun opportun illi dina l-Qorti tistenna l-eżitu tal-appell qabel ma tgħaddi għat-tkomplija tal-kawża. Il-kawża ġiet differita' ghat-18 ta' Ottubru 2018 sabiex il-Qorti tiġi infurmata dwar l-appell kostituzzjonali,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat il-verbal tat-28 ta' Ġunju 2021 fejn l-avukat tal-partijiet qablu illi minkejja li t-*transcripts* tax-xhieda tal-intimati mogħtija fl-1 ta' Frar 2021 kellhom xi nuqqasijiet fejn il-kliem tax-xhieda ma' kienux ħarġu b'mod ċar, huma kienu ser jistrieħu fuq it-*transcripts* kif inhuma;

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel,
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Pawlu Lia,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Qabel xejn għall-finijiet ta' preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' ftit inqas minn sitt snin wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett

mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

'*l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar*'

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

**Il-mertu tal-każ**

3. Ir-rikorrent ippreżenta dan il-libell għaliex ħassu malafamat minn dak li intqal mill-intimat l-Onor. Joe Mizzi waqt intervista li xxandret fuq l-istazzjon One TV nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2012 fis-7.30pm. It-traskrizzjoni tal-intervista relevanti għal każ in eżami u li ġiet immarkata bħala malafamanti mir-rikorrent fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Novembru 2012 hija dik riprodotta hawn taħt.

*"Ġurnalista: Mizzi jsemmi okkażjoni oħra fejn Cachia Caruana għamel pressjoni biex inehhu ufficjali tas-sigurta'.*

*Joe Mizzi: Il-Head tas-Security illi kont infurmat illi dan qed jagħmlu minn kollox bien ineħħuh minn hemmhekk u kien indika illi wkoll illi kien hemm persuna warajha li kien RCC.*

*Ġurnalista: It-tielet raġuni . . .*

*Joe Mizzi: Kien hemm każ meta għaddejt ir-rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien hemm yacht qed jagħmlu cocaine party fuqu u jien ġbidt l-attenzjoni li kien hemm nies prominenti fuqu. Fil-fatt, kien hemm nies prominenti kienu ħbieb hafna hafna ta' RCC u meta marru l-Pulizija marru fuq yacht ħażin, mhux fuq il-yacht illi jiena indikatilhom."*[12]

4. Mill-provi jirriżulta li fl-isfond ta' din l-intervista kien hemm l-avvenimenti politiċi li kienu qed iseħħu dak iż-żmien partikolarment fi ħdan il-Partit Nazzjonalista fejn Dr Jeffrey Pullicino Orlando, dak iż-żmien deputat tal-Partit Nazzjonalista kien talab li jittieħdu proċeduri fi ħdan l-eżekuttiv tal-partit kontra r-rikorrent u kien talab fost oħrajn lill-intimat Mizzi, membru parlamentari laburista jagħti x-xhieda tiegħu fil-proċeduri interni tal-partit.

[12]Fol. 2 – 3

5. Irid jiġi preċiżat ukoll li dak li rrifera għalih l-intimat Mizzi fl-intervista tat-13 ta' Lulju 2012 kien ibbażat fuq dak li jiftakar li ġara meta kien Ministru tal-Gvern bejn is-snin 1996 u 1998.

6. Dwar il-persuna tar-rikorrent, il-Qorti tqis li huwa persuna pubblika u magħruf sew mill-pubbliku in ġenerali mhux l-anqas għaliex kellu diversi karigi pubbliċi importanti u ta' responsabiltà' matul il-karriera tiegħu. Tqis ukoll illi huwa identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali u anke mill-qarrej ordinarju kemm b'ismu sħiħ kif ukoll bl-inizjali tiegħu "RCC". Għalhekk m'hemmx dubju f' għajnejn il-Qorti li meta fl-intervista issir riferenza għal 'RCC' l-intimat Mizzi kien qiegħed jalludi b'mod ċar għar-rikorrent. Dan apparti mill-fatt li r-rikorrent kien is-suġġett tal-intervista mal-intimat Mizzi fl-isfond tat-talba li kien għamillu Dr. Jeffrey Pullicino Orlando sabiex jixhed fil-proċeduri interni tal-Partit Nazzjonalista.

7. F' dak li jirrigwarda l-intimat Kurt Farrugia fiż-żmien in eżami huwa kien l-editur reġistrat tal-istazzjoni televiżiv ONE[13]. Il-kelma "editur" skond l-Artiklu 2 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta "*tfisser il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' kull stampat u dwar gazzetta jew servizz ta' xandir tinkludi kull persuna li tħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35".*

8. L-intimati jirribattu għal kawża billi essenzjalment resqu d-difiża li l-kummenti u opinjonijiet huma *value judgement* u *fair comment*. Fil-każ ta' l-intimat Kurt Farrugia huwa eċċcepixxa wkoll li x-xandira tikkonsisti f' rappurtaġġ ġurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku u fil-każ ta' l-Onor. Joe Mizzi dan eċepixxa li bil-pubblikazzjoni msemmija huwa kien iwieġeb fil-vesti tiegħu pubblika bħala deputat tal-poplu bi kritika politika fuq fatti kif jafhom personalment dwar materja ta' interess pubbliku u dwar amministrazzjoni pubblika.

**Provi**

9. Fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Novembru 2012[14] ir-rikorrent **<u>Richard Cachia Caruana</u>** spjega li jqis li t-trasmissjoni hija libelluża fil-konfront tiegħu għaliex:-

   a. l-Onorevoli Joe Mizzi kien qal li meta hu kien Ministru mingħajr Portafoll bejn l-1996 u l-1998, hu (i.e. ir-rikorrent) kien għamel pressjoni biex

---

[13] Fol. 28
[14] Fol. 10 et seq

jitnehha l-Head of Security ta' dak iz-żmien.[15] Ir-rikorrent fil-waqt li oġġezzjona bil-qawwa għal din l-allegazzjoni saħaq li ma għamel ebda' pressjoni la la b' mod dirett u lanqas indirett biex jitneħħa l-*Head of Security Services* li huwa mwaqqaf bil-liġi skond l-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta. Di piu' saħaq li fl-epoka li ġie allegat illi huwa wettaq din il-pressjoni huwa ma' kellu l-ebda posizzjoni u rilevanza fi ħdan il-Gvern stante illi dak iż-żmien dan kien immexxi mill-Partit Laburista.[16]

b. Fl-istess trasmissjoni l-Onorevoli Joe Mizzi qal li kien hemm każ fejn għadda rapport lil Kummissarju tal-Pulizija li kien hemm yacht li kienu qed jagħmlu cocaine party fuqu u li kien hemm nies prominenti fuqu li skont hu kienu ħbieb tar-rikorrent. Madanakollu meta marru l-Pulizija jfittxu huma ma' kienu sabu xejn għaliex kienu marru fuq *yacht* żbaljat. Ir-rikorrent spjega li b'din id-dikjarazzjoni l-intimat Mizzi kien qed jimplika li huwa kien għamel xi pressjoni fuq il-Pulizija sabiex jagħmlu tfittxija fuq *yacht* ieħor ċioe mhux fuk dak illi kien irrapporta fuqu Joe Mizzi. Ir-rikorrent ċaħad kategorikament li huwa qatt għamel hekk.[17]

10. Ir-rikorrent xehed *inter alia* kif ġej:

*"Jiena ghandi nghid illi la naf b' xi allegat cocaine party li sar fuq xi yacht kif qed jiġi allegat u wisq anqas ma qatt intervenejt mal-Pulizija sabiex ma jagħmlux xogholhom kif qed jiġi allegat mis-sur Mizzi. Sa fejn naf jien li wiehed jindaħal f' investigazzjonijiet tal-Pulizija huwa reat kriminali u allura nhoss li s-sur Mizzi qed jallega li jiena kkommettejt reat kriminali li nerga' nishaq m' ghamiltux."*[18] *"Jiena nichad li dak li qed jinghad huwa veri u nghid li għalija huma kollha foloz l-allegazzjonijiet li għamel."* [19]

11. Spjega li huwa jħossu malafamat għaliex ġie allegat fost affarijiet oħra li abbuża mis-sistemi u mill-organi tal-Istat.[20]

---

[15]Fol. 10
[16]Fol. 11
[17]Fol. 11
[18]Fol. 11
[19]Fol. 12
[20]Fol. 12

12. In-kontro-eżami qali li kien ħareġ *press release* fejn ċaħad dawn l-affarijiet però ma jafx jgħid jekk din ġietx rapportata jew le fil-gazzetti dak iż-żmien.[21] Għal kull bwon fini qabel ukoll illi huwa seta' jitqies bħala persuna pubblika.[22]

13. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontroeżami fid-29 ta' Settembru 2014[23] meta ġie mistoqsi jgħid jekk jafx fuq min kien qed jitkellem is-sur Mizzi meta ndika l-persuni fuq il-yacht bħala ħbieb tiegħu, qal li ma jafx għal min kien qed jgħid.

14. Huwa qal li ħass il-ħtieġa li jiftaħ proċeduri kontra l-intimati kemm fil-kamp ċivili u kif ukoll fil-kamp penali għaliex ħass li *"il-kliem li uża s-sur Mizzi kienu jmorru ferm oltre dak li huwa aċċettabbli fil-kamp politiku. U dana ngħidu mhux biss għal kliem iżda anke l-allegazzjonijiet illi hu għamel fil-konfront tiegħi."* [24]

15. Fir-rigward tal-intimat Kurt Farrugia spjega li *"Jiena ngħid illi jiena kelli kull dritt illi nħarrek ukoll lill-Editur tal-ONE Television u allura ħarriktu kif għandi kull dritt illi nagħmel."*[25]

16. Dwar l-allegazzjoni tal-intimat l-Onor. Joe Mizzi fuq l-involviment tiegħu fis-Servizzi Sigrieti ta' Malta r-rikorrent qal hekk:-

"*Jiena nista' nikkonferma wkoll illi f' din il-kariga kelli naturalment kuntatt ma' kwazi kull min kien involut b' xi mod jew ieħor mal-gvern. Imma għal dak li ghandu x' jaqsam il-Ministri, Kummissarju tal-Pulizija, il-Kummissarju tas-Servizzi Sigrieti, jiena qatt ma kont f' pozizzjoni ezekuttiva fuq dawn il-persuni.*

*Jien nixtieq nghid illi n-nies kienu jafu illi dak li kont nghid jien kellha kif nghidulu ahna bl-Ingliz – 'carried weight' għal raġuni semplici li huma kienu jafu li dak li kont qed nghid jien kien ibbazat fuq struzzjonijiet li kien qed jiġi lili moghti mill-Prim Ministru. U peress illi jiena kont naf ta' din is-sitwazzjoni li dak li kont qed nghid jien – 'carried weight', allura kont inkun attent hafna kif nitkellem u ma' min nitkellem.*

*U nista' nassigura illi bl-ebda mod ma qatt tajt xi tip ta' ordni jew istruzzjoni kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lil-Kap tas-Servizzi Sigrieti tas-Sigurta`. Imma ma jfissirx*

[21] Fol. 12
[22] Fol. 12
[23] Fol. 45 et seq
[24] Fol. 45
[25] Fol. 45

*illi jiena qatt ma għaddejt istruzzjonijiet lilhom li kienu inghataw mill-Prim Ministru u allura jiena kont inkarigat ngħaddihom. Izda jiena – bħala 'jien' qatt ma għaddejt l-istruzzjonijiet li hrigt jien personalment.* [26]

*Jiena kelli clearance għal dokumentazzjoni kollha li kienet reletata mal-gvern imma dana ma ffissirx illi kelli clearance sabiex naccedi anke għal dokumenti tas-servizz tas-Sigurta` ta' l-iStat, u in fatti jiena ma kelli l-ebda access għal dokumentazzjoni relatati mas-Servizz tas-Sigurta` ta' Malta. "*

Ir-rikorrent kompla jispjega li "*Jiena l-working documents tas-Servizz tas-Sigurta` jiena qatt ma kelli access għalihom. U l-istess jghodd ukoll għal dawk li ghandu x' jaqsmu mal-Pulizija. Jiena madanakollu minhiex qed nghid illi ma kontx inkun naf bid-deċiżjonijet li kemm is-Servizz tas-Sigurta` jew il-Kummissarju tal-Pulizija jkun ha abbazi tad-dokumentazzjoni li jkun ra, jew rakkomandazzjoni, imma jiena ma kontx inkun rajt id-dokumenti illi raw huma.*

*Jien nixtieq nghid izda li jiena kont nohrog rakkomandazzjonijiet minn żmien għal żmien liema rakkomandazzjonijiet kienu limitati unikament għal rakkomandazzjonijiet ta' 'management' u mhux ta' 'operazzjoni' jiġifieri deċiżjonijet operattivi ta' kif għandhom isiru xi affarijiet."*

17. Fuq l-kwistjoni l-oħra li ssemmiet fil-pubblikazzjoni (li però ma' ġietx immarkata mir-rikorrent bħala parti li kienet malafamanti[27]) u ċioe' t-tneħħija tal-iskorta jew għassa tal-Pulizija jgħid li meta fis-sena 1996 ġie elett bħala l-Prim' Ministru Dr Alfred Sant huwa kien ta' ordni li l-iskorta/għassa tibqa' kif inhi. Madanakollu minkejja din ir-rakkomandazzjoni kienet ittieħdet deċiżjoni li jitneħħew dawn il-pulizija u hu kien għamel ilment lil Ombudsman li eventwalment ħareġ rakkomandazzjoni li l-iskorta/għassa kellha tibqa'. Wara li ħarġet ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman l-iskorta reġgħet iġġeddet però' ma setax jiftakar jekk l-iskorta reġgħetx iġġeddet wara r-rakkommandazzjoni tal-Ombudsman jew wara li fis-sena 1998 kien hemm bidla fil-Gvern. [28]

18. Fix-xhieda tiegħu**[29]** mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2013, **George Grech** ossia' l-persuna li kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien fejn seħħ l-allegat *raid* fuq il-*yacht* fuq struzzjonijiet tal-intimat Mizzi, xehed illi meta dan kien

[26]Fol. 46
[27] Fol 2
[28] Fol. 47
[29]Fol. 21 - 24

Ministru Bla Portafol bejn l-1996 u l-1998 kellu fost il-kompetenzi tiegħu l-Korp tal-Pulizija. Fuq il-kwistjoni tal-allegazzjoni tal-*yacht* xehed kif ġej:

*"Jiena kien għaddieli isem ta' "yacht" wara li kien sejjahhli ghandu. Kien għaddieli isem ta' "yacht" u kien qalli illi ahna kellna ninvestigaw dan il-"yacht" u dana peress li skond informazzjoni li kellu kien se jkollu cocaine party."*

Ix-xhud spjega li kien għadda l-informazzjoni lill-Assistent Kummissarju Michael Cassar li kien inkarigat mid-drogi. L-eżitu tar-raid kien negattiv. Kien sar ukoll rapport intern mill-persuni li kienu inkarigati li jagħmlu search fuq id-dghajsa in kwistjoni."[30] Meta mistoqsi jekk ir-raid sarx fuq il-bastiment it-tajjeb rrisponda li ma kienx jaf għaliex ma kienx preżenti personalment.[31]

Fuq l-involviment o meno tar-rikorrent qal hekk:

"*Qed nigi mistoqsi kif daħal is-Sur Cachia Caruana f' din l-istorja u nghid illi ma' nafx kif daħal fiha. Jiena ma' kelli ebda' indikażżjoni ta' ismijiet li kien se jkun hemm fuq dan il-"yacht".*[32]

Ix-xhud ċaħad li r-rikorrent qatt kellmu dwar xi raids fuq xi "yacht" jew xi cocaine party. Spjega li s-sur Cachia Caruana qatt ma kellmu fuq dawn l-affarijiet u li l-unika żewġt komunikazzjonijiet li kellu kienu fuq l-għassa li kellu quddiem il-bieb tiegħu li imbagħad kienet tneħħiet.[33]

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm ħadd ieħor li kellmu dwar l-allegazzjoni tal-*yacht* huwa wieġeb hekk:

*"Qed nigi mitlub mill-Qorti jekk xi ħaddieħor kien kellimni jew avvicinani dwar dan il-"yacht" partikolari apparti l-Onorevoli Mizzi u jiena nghid li ħadd iktar ma kellimni dwaru. Naturalment hlief l-Assistent Kummissarju Michael Cassar naturalment kelli naghtih l-istruzzjonijiet illi jagħmel search u naturalment kellimni lura biex jgħidli mbghad l-ezitu illi kien gara minn dan il-raid.*[34]

[30] Fol. 21
[31] Fol. 22
[32] Fol. 22
[33] Fol. 22
[34] Fol. 22

Fuq din l-allegazzjoni dan ix-xhud kien ukoll ħareġ stqarrija stampa li esebixxa u li tinstab eżebita fil-proċess a fol. 25 (Dok. GG 1). Skont ix-xhieda tiegħu din l-istqarrija ħariġha f' Lulju tat-2012.[35]

In kontro-eżami spjega li:

*"Jiena assumejt illi meta l-Onorevoli Mizzi (*qal*) illi l-Pulizija marret fuq "yacht" ħażin, mhux dak li ndikali hu, assumejt li hu kien qed jgħid illi jiena tajt isem ħażin tal-"yacht" illi fuqu kellu jsir ir-raid. Jiena nikkonferma li mkien ma' qal illi jiena kont tajt informazzjoni zbaljata*.[36]

19. Min-naħa tiegħu, fix-xhieda li ta fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2014[37] **Michael Cassar,** ex Assistent Kummissarju, dan qabel xejn esebixxa kopja tal-istqarrija stampa illi kienet inħarġet mill-uffiċju tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni dwar l-avveniment tar-raid fuq il-yacht[38]. Ix-xhud kkonferma li r-rapport esebit għamlu hu stess lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien fl-14 ta' Lulju 2012 u kkonferma l-kontenut tiegħu.

20. Spjega li kif jidher ukoll mir-rapport inizjalment ma kienx jaf l-isem tal-bastiment li kellu jiġi investigat. Jiftakar li fl-1998 il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, George Grech, kien indikalu illi kellu informazzjoni dwar xi possibbilta` ta' drogi li setgħu jsibu f' xi bastiment. Minn naħa tiegħu x-xhud għadda din l-informazzjoni lil Pulizija li kienu jaħdmu fl-iskwadra ta' drogi li tagħha dak iż-żmien huwa kien il-kap responsabbli. Dawn eventwalment kienu wettqu l-istħarriġ taghhom u kienu ġew lura u qalulu li ma kienu sabu xejn. Spjega li inizjalment kien nesa l-isem tal-yacht pero' meta rrefera għal okkorrenza biex joħroġ l-istatement rriżulta li l-party kellu jsir fuq il-vapur "Karwela" li huwa vapur kummerċjali li jintuża għal attivitajiet kummerċjali u li fuqu jsiru ukoll l-parties. Xehed ukoll illi ma' kienx jaf x' intqal bejn l-Onor Joe Mizzi u l-Kummissarju ta' dak iz-żmien George Grech. L-informazzjoni li kellu kienet għaddiet lilu mill-Kummissarju George Grech verbalment. Spjega li bil-miktub ma kien ra xejn.

[35]Fol. 22-23
[36]Fol. 23
[37]Fol. 39-40
[38] Fol. 41-43 (Dok. MC 1)

21. Fix-xhieda tiegħu, l-intimat **l-Onor. Joe Mizzi** xehed fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[39] li fiż-żmien tal-leġislatura 1996-1998 kien Ministru bla Portafol fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u fost affarijiet oħra kellu taħtu r-responsabiltà' tal-Pulizija. Fir-rigward tal-iskorta huwa spjega li din kienet tneħħiet fl-isfond ta' riforma tal-pulizija u redeployment ta' xi ufficjali tal-kop f'postijiet fejn dak iż-żmien kien ikkunsidrat li jkunu aktar utli. Ix-xhud qal li hekk kif tneħħiet l-iskorta bdiet issir pressjoni fuqu sabiex din terġa tiddaħħal lura fosthom mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien George Grech li skond l-intimat *"apparentement kien ikkomunika miegħu direttament Richard Cachia Caruana".* Dan kien reġa' lura mill-ftehim li kien hemm biex titnaqqas l-iskorta. L-intimat jgħid ukoll li saritlu pressjoni minn persuna prominenti oħra li ma ġiex identifikat. [40] L-intimat ikkwalifika li "*L-ebda minn dawn il-pressjonijiet ma saru lili direttament minn Richard Cachia Caruana."*[41]

22. Fuq l-isfond tal-intervista spjega li din kienet motivata mill-fatt li Dr. Jeffrey Pullicino Orlando ried ittellgħu bħala xhud f' proċeduri interni tal-Partit Nazzjonalista. L-intimat qal li *"l-uniku haġa li jiena kont naf hija dik li jiena eventwalment għedt f' din l-intervista."* [42]

23. Fuq l-istqarrija li għamel rigward il-*head of security* tas-*Secret Service* l-intimat Mizzi qal hekk:

"*illi jien dak iż-żmien is-Secret Service kien ukoll jaqa' taħt il-portofol tiegħi u allura kien hemm Herbert Agius dak iz-żmien u kont qed nipprova nara kif jista' jiġi organizzat ahjar. Huwa jgħid li dak iz-żmien kien hemm pressjoni da parti tal-Pulizija sabiex is-Secret Service taqa' taħt il-Pulizija u ma tkunx entita` separata għaliha; u xi ħadd mis-Sectret Service qalli illi wara din il-pressjoni kollha min-naħa tal-Pulizija hemm Richard Cachia Caruana. Jien nixtieq nghid illi Herbert Agius dak iz-żmien kien 'acting' u kienet qed issir pressjoni sabiex huma ma jsirx il-Head imma jsir xi ħadd ieħor; u jiena kull ma ghamilt huwa li irreferejt dik l-informazzjoni li jiena kienu qed jgħiduli.* [43]

In kontro-eżami kkjarifika li meta semma "*Head of Security*" huwa kien qed jirriferi għall-*acting Head of Security* li kien hemm dak iz-żmien jiġifieri għal Herbert Agius u

[39] Fol. 55-55
[40] Fol. 50
[41] Fol. 51
[42] Fol. 51
[43] Fol. 51

dan fis-sens illi l-pressjoni li kienet qed issir kienet sabiex dan ma' jilħaqx *Head of Security* hu. Attwalment dak iż-żmien il-Head tas-Security kien George Grech – dak iż-żmien ukoll Kummissarju tal-Pulizija. Mistoqsi fuq min għaddielu din l-informazzjoni xehed illi "*Jiena ma nixtieqx nghid min tani din l-informazzjoni u anzi nghid illi ma nistax nghidha peress illi huwa persuna ta' Secret Service*."[44] Mitlub jgħid jekk jafx li Herbert Agius eventwalment laħaq huwa qal li fiż-żmien li għamel Ministru ma' kien għamel l-ebda pressjoni biex dan ma' jilħaqx.

24. Fuq il-kwistjoni tal -*yacht* u l-*cocaine party* xehed li kien irċieva telefonata mingħand persuna bl-informazzjoni: *"jien niftakar illi f' nofs inhar neqsin kwart kont ircivejt telefonata minn ghand persuna u dan kien irreferieli illi huwa kien qed jara fizikament illi fuq yacht kien qed isir 'cocaine party', u fuq dan il-yacht kien hemm diversi nies prominenti fosthom ukoll ħbieb ta' Richard Cachia Caruana. Jiena meta smajt hekk ipprovajt nikkomunika mal-Kummissarju tal-Pulizija minnufih, ma rnexxilix naqbdu mill-ewwel, u kien biss xi tliet kwarti wara għal habta ta' xi in-nofs siegha illi jien inrnexxilli naqbad lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-żmien George Grech.*[45]

*Jiena mbaghad xi ġurnata jew tnejn wara kumbinazzjoni gie l-Kummissarju tal-Pulizija ghandi sabiex jiddiskuti xi affarijiet oħra u jiena waqt il konna qed niddiskutu l-affarijiet staqsejtu x' kien gara fuq dak ir-rapport li jiena kont ghamiltlu tal-yacht. Hu qalli illi l-Pulizija kienu attwalment marru fuq yacht ieħor bi zball.*[46]

*Jiena mbaghad kont irrabjat u bdejt nistaqsih għaliex kienu marru fuq dghajsa ħażina, u ghedtlu sabiex jiehu passi kontra l-Pulizija talli marru fuq dghajsa ħażina, u s-sur Grech beda jgħidli illi ma setax jiehu passi kontra l-Pulizija.* [47]

Kompla jispjega li xi ftit tal-ġranet wara kien ltaqa' mal-Assistent Kummissarju Michael Cassar u staqsieh fuq dan ir-rapport: "_*illi is-sur Cassar kien qalli "iva ghax ahna morna fuq il-Karwela u ma sibna xejn". U malli semmieli l-vapur 'Karwela' jiena mill-ewwel ghedtlu "Karwela mhux yacht imma hija dghajsa" u li jiena ma kontx qed nindika għal bastiment 'Karwela' meta jiena semmejt, ghax jiena kont qed naghmel referenza għal yacht.* [48] *U nghid illi Karwela ma jorbotx hdejn il-jottijiet imma jorbot x' imkien ieħor."*

---

[44] Fol. 53
[45] Fol. 51
[46] Fol. 51
[47] Fol. 51
[48] Fol. 52

L-intimat Mizzi semmi istanzi oħra fejn ħass li l-Kummissarju ta' dak iż-żmien kien ikkommetta żbalji, istanzi li pero m'humiex relevanti għal materja in eżami għaliex ir-rikorrent ma kienx involut u dan b' ammissjoni tal-intimat stess.

Kompla jgħid illi:

"*jiena allura ma ghamiltx akkuzi fil-konfront ta' Richard Cachia Caruana personalment; jiena dak li kont qed nakkuza kont qed nakkuza s-sistema li kien hemm, u in fatti anke semmejthom fil-Parlament waqt id-diskorsi tiegħi. Fil-Parlament ukoll jiena ma ghamiltx l-akkuzi specifici. Jiena kont ili snin insemihom minn mindu spiccajt minn Ministru mis-sena 1998. Din kienet l-ewwel darba izda illi sarilti libell fuq dak li kont ilni nghid minn 1998.*[49] (emfażi miżjuda).

In kontro-eżami kompla jixhed illi

"*Il-yacht jiena kelli indikażżjoni li kien sorgut fil-Yacht Marina ta' Ta' Xbiex. Dwar min kienu l-ħbieb illi jiena ndikajt li kienu ħbieb ta' Richard Cachia Caruana nghid illi jiena ma nafx. Jiena kull ma wasalli kien messagg illi kien hemm nies fosthom ħbieb ta' Richard Cachia Caruana.*

*Jiena nixtieq nghid illi llum il-guranta ma niftakarx l-isem tal-yacht; nghid illi ma niftakarx liema kien il-Yacht, imma il-yacht kont cert li ma kienx il-Karwela. Jiena lill-Kummissarju Grech dak iz-żmien kont tajtu l-isem; sfortunatament illum il-ġurnata jisfuggili l-isem." (emfażi miżjuda)*

25. L-istess intimat Mizzi xehed ukoll bil-mezz tal-*affidavit* fit-3 ta' Frar 2020. A skans ta' repetizzjoni u b' żieda ma dak li l-intimat xehed preċedentement l-intimat xehed li fl-opinjoni tiegħu r-rikorrent fetaħ il-proċeduri ta' libell biex iwaqqfu milli jixhed fuqu fil-proċeduri li Jeffrey Pullicino Orlando kien fetaħ kontra l-istess rikorrent fl-eżekuttiv tal-PN. Fuq il-kwistjoni tal-għassa spjega li waqt l-intervista, il-ġurnalist kien ikkummenta fuq diskors li *"kont ghidt qabel aktar minn darba, fost l-oħrajn fil-Parlament, u xandar clip bir-risposta tiegħi.*[50] L-intimat jgħid li hu ma kienx indaħal biex l-għassa tmur lura kif kienet qabel ma tneħħiet.[51]

26. Dwar l-allegazzjoni li kienet saret pressjoni mir-rikorrent sabiex jitneħħa Herbert Agius minn *Head Security* tas-Servizzi Sigriet l-intimat jgħid li kien il-ġurnalist li

[49] Fol. 53
[50] Fol. 79
[51] Fol. 80

semma lil Richard Cachia Caruana, u għamillu domanda speċifika. Fuq dan l-intimat jgħid li verament kien informat minn Herbert Agius li qallu li qed jipprovaw ineħħuh minn Head of Security. Herbert Agius stess indikalu li l-persuna li hemm warajha kien Richard Cachia Caruana. Hawnhekk jgħid li rrelata l-informazzjoni li wasslitlu.[52]

27. Fuq il-każ tal-yacht jgħid li verament dan kien seħħ. L-intimat jgħid li kienet waslitlu informazzjoni li kien għaddej *cocaine party* u għalhekk kien talab lil Kummissarju biex jinvestiga. Jgħid li verament kienu semmewlu li fuqu kien hemm nies li kienu qrib ta' Richard Cachia Caruana, iżda insista li hu mkien ma qal jew implika li Richard Cachia Caruana kien involut fid-droga. Dan il-każ kien ssemma fis-seduta tal-Parlament tad-9 ta' Ottubru 2002, u l-intimat kien irrifera għalih.[53]

28. Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021[54] meta ġie inġunt in kontreażami l-intimat Mizzi xehed fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-*Head of Security* li meta s-sur Agius ġie jkellmu kien diġa' jokkupa l-kariga ta' *acting head of security* u dan fi żmien meta diġa' kien hemm il-Partit Laburista fil-Gvern.

29. Fuq il-yacht li għamel rapport dwaru wara li rċieva informazzjoni qal li ma jiftakarx għall-liema yacht kien qed jirriferi meta għadda l-informazzjoni lil kummissarju tal-pulizija però kien ċert li ma kienitx lanċa tal-Captain Morgan. Kull ma kien jaf kien li kien hemm nies prominenti fuqu u li lilu ma kienx jinteressah min kienu dawn in-nies.

30. Dwar l-allegat konnessjoni bejn il-persuni li allegatament kienu fuq il-*yacht* u r-rikorrent l-intimat Mizzi xehed kif ġej:

"*Qorti: Id- domanda kienet semplici hafna. Meta qalulek li dawn kienu ħbieb hafna hafna tas- Sur Richard Cachia Caruana dik l- informazzjoni minn fejn gibtha?*

*Joe Mizzi: Jiena kienu cempluli.*

*Qorti: Cempillek min?*

*Joe Mizzi: Cempluli u jien qbadt u hadt il- passi mhux hallejtha mal- hajt.*

*Qorti: Imma d- domanda ma kinitx dik. Id- domanda kienet min qallek.*

---

[52] Fol. 80
[53] Fol. 80
[54] Fol. 109-117

*Joe Mizzi: Jiena qaluli bit- telefon.*

*Avv. Joseph Zammit Maempel: Anonima kienet it- telefonata?*

*Joe Mizzi: Jien ma niftakarx min kien u ma kienx imma jiena niehu passi. "*

*"Qorti: Il- mistoqsija hija din. Inti dak inhar meta n- nies prominenti kienu ħbieb hafna hafna ta' RCC kont irbatt fuq xi telefonata anonima?*

*Joe Mizzi: Dawk qaluli kienu u jiena ghidt x' qaluli. Illi kienu close ta' dak. Imma għalija kienu close ta' dak u ta' dak jien għalija mhux il- punt. Il- punt kien illi dawn il- pulizija jagħmlu xogholhom."*

31. L-intimat l-ieħor **Kurt Farrugia** xehed bil-mezz tal-affidavit[55] li ġie ppreżentat fit-28 ta' Ottubru 2019. Huwa kkonferma li kien l-editur reġistrat ta' One Television fiż-żmien tax-xandira lamentata. Spjega li:

"*fil-każ li Richard Cachia Caruana qed jagħmel kontra tiegħi, nghid illi bhal ma xehed hu stess huwa kien ikkunsidrat bħala persuna pubblika li kien jokkupa l-oghla kariga fic-Civil. Jiena nzid illi apparti l-kariga fic-Civil, kellu rwol (mhux bilfors kariga) politiku importanti influwenti. Konsegwentement il-kontroversja pubblika li dak iz-żmien kien involut fiha, kien jimmeritaha li tiġi rrapurtata."*[56]

Qal li għalkemm kellu responsabilta' editorjali, bħala ġurnalist ma kienx involut direttament bl-ebda' mod f'dak li ntqal fuq Richard Cachia Caruana u li huwa s-suġġett tal-libell. Id-diskors lamentat infatti ntqal mill-intimat l-ieħor, Joe Mizzi, li kien qed jiġi intervistat fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-Parlament, u ex ministru responsabbli mill-Pulizija.

Spjega li immedjatament wara li ġiet imxandra din l-intervista, Richard Cachia Caruana, kif kien dritt tiegħu, ħareġ stqarrija pubblika fejn ddikjara l-pożizzjoni tiegħu u nnega dak li kien ingħad fil-konfront tiegħu. Din l-istqarrija pubblika xxandret u ġiet ippubblikata fil-media kollha bi prominenza.[57]

Skond l-intimat Farrugia, l-iskop tar-rikorrent wara dawn il-proċeduri ċivili u anke dawk kriminali li kienu infetħu fl-istess żmien, kien sabiex issikithom milli jitkellmu fuq il-kwistjoni.[58]

---

[55] Fol. 98-100
[56] Fol. 99
[57] Fol. 99
[58] Fol. 100

**Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tal-*fair comment* u *value judgement***

32. Fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:

"*The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be*"

33. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

*"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine*

*opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."* [59]

34. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[60] huma ħamsa:

    1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
    2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
    3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
    4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u
    5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.

35. Il-Qorti taqbel illi l-kuntest li fih ixxandret l-intervista mal-intimat Mizzi huwa "*a matter of public interest*". Madanakollu dan waħdu mhux biżżejjed biex jiġġustifika d-difiża tal-fair comment jekk joħroġ li l-allegazzjonijiet li għamel l-intimat, *"that which goes to the pith and substance of the matter"*, kienu skorretti.

36. Fuq il-kwistjoni tal-*Head of Security* tas-Servizzi Sigrieti, lill-Qorti jirriżultalha li ibda biex fiż-żmien tal-pressjoni indebita li allegatament saret mir-rikorrent fuq il-Pulizija, is-Sur Herbert Agius kien jokkupa l-kariga ta' *acting Head of Security* fi ħdan is-servizzi sigrieti. Jiġifieri dan mhux każ li Agius kien jokkupa kariga ta' *Head of Security* u li kienet qed issir pressjoni sabiex jitneħħa, iżda pjuttost sitwazzjoni fejn allegatament kienet qed issir pressjoni sabiex Agius ma' jibdiex jokkupa l-kariga ta' *Head of Security*. Skond l-intimat Mizzi l-pressjoni kienet ġejja mill-Pulizija li xtaqu li s-Servizzi Sigrieti jibda' jaqa' taħt il-Korp tal-Pulizija biex b'hekk dawn ikunu mmexxija mill-Kummissarju. Skond Mizzi ukoll, xi ħadd mis-Servizzi Sigrieti li ma' xtaqx jidentifika, qallu li wara din il-pressjoni mill-Pulizija kien hemm Richard Cachia Caruana. Ir-rikorrent ċaħad dan kollu.

---

[59] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336
[60] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

37. Mill-provi ma' jirriżultax illi din l-allegazzjoni kienet korretta. Iżjed minn hekk però l-Qorti ma' tistax ma' tinnutax kif mentri fl-intervista tiegħu Joe Mizzi kien emfatiku fl-allegazzjoni illi "Cachia Caruana għamel pressjoni biex ineħħu uffiċjal tas-sigurta'", matul il-kawża l-allegazzjoni ingħatat xejra inqas drammatika fis-sens illi *semmai* dan ma' kienx każ fejn Cachia Caruana ried li jtajjar min-nofs uffiċjal tas-sigurtà partikolari iżda iżjed każ fejn ir-rikorrent xtaq illi s-servizzi sigrieti jkunu riorganizzati fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u mmexxija mill-Kummissarju. Anke din l-allegazzjoni però hija nieqsa minn xi ħjiel ta' provi u ma' tirriżultax pruvata lill-Qorti. Apparti kollox il-Qorti ser tgħid l-ovvju u cioe' li l-allegazzjoni tal-intimat Mizzi tirreferi għal dak li seta' seħħ fi żmien meta huwa kien Ministru fl-Uffiċju tal-Prim' Ministru. Il-karigi uffiċċjali tar-rikorrent kollha ngħatawlu taħt amministrazzjoni ta' Gvern Nazzjonalista u l-Qorti qajla tista' tifhem kif ir-rikorrent seta' b'xi mod jkun involut f'deċiżjoni strateġika importanti bħal din.

38. Fuq il-kwistjoni iżjed serja tal-allegat *cocaine party* fuq il-*yacht*, il-Qorti qabel xejn tagħmel riferenza għall-prinċipji tal-"*Ordinary Meaning of Words"* u s-*"Single Meaning*" tagħhom fil-liġi komuni Ingliża. F'dan ir-rigward il-Gatley jgħid hekk:

"*While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole… Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment.*"[61]

39. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales, **Gillick v Brook Advisory Centres & Anor [2001] EWCA Civ 1263** il-Qorti kienet ikkwotat lill-Qorti tal-Ewwel Istanza (Imħallef J. Eady):

[61] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

*"Eady J produced what, if I may respectfully say so, was an impeccable synthesis of the authorities in this area of the law when directing himself as to the approach he should adopt to the respondents' application. I can do no better than to repeat this:*
*"The proper role for the judge when adjudicating a question of this kind is to evaluate the words complained of and to delimit the range of meanings of which the words are reasonably capable, exercising his or her own judgment in the light of the principles laid down in the authorities ... If the judge decides that any pleaded meaning falls outside the permissible range, then it will be his duty to rule accordingly. In deciding whether words are capable of conveying a defamatory meaning, the court should reject those meanings which can only emerge as the produce of some strained or forced or utterly unreasonable interpretation. The purpose of the new rule is to enable the court to fix in advance the ground rules and permissible meanings, which are of cardinal importance in defamation actions, not only for the purpose of assessing the degree of injury to the claimant's reputation but also for the purpose of evaluating any defences raised, in particular, justification and fair comment* ***. The court should give the article the natural and ordinary meaning which it would have conveyed to the ordinary reasonable reader reading the article once*** (emfażi miżjuda mill-Qorti)*. Hypothetical reasonable readers should not be treated as either naive or unduly suspicious. They should be treated as being capable of reading between the lines and engaging in some loose thinking, but not as being avid for scandal.* ***The court should avoid an over-elaborate analysis of the article, because an ordinary reader would not analyse the article as a lawyer or accountant would analyse documents or accounts*** (emfażi miżjuda mill-Qorti)*. Judges should have regard to the impression the article has made upon them themselves in considering what impact it would have made on the hypothetical reasonable reader.* ***The court should certainly not take a too literal approach to its task.*** (emfażi miżjuda mill-Qorti)"

40. Fis-sentenza tal-*High Court* tal-Ingilterra u Wales fl-ismijiet **Lowe v Associated Newspapers Ltd | [2006] 3 All ER 357** ġie ikkonfermat ukoll illi d-duttrina tat-tifsira singulari tapplika ukoll għall-każijiet tad-difiża tal-*fair comment* minkejja li f'dik il-kawża kienet saret talba speċifika lill-Qorti appuntu sabiex tesklludi l-applikazzjoni tad-duttrina f'tali każijiet.

41. Il-Qorti tqis illi hemm tifsira waħda illi bniedem ta' intelliġenza ordinarja seta' raġjonevolment jagħti lill-kliem tal-intimat Joe Mizzi fir-rigward tat-tfittxija tal-Pulizija fuq il-*yacht* u din hija li l-intimat kien qed jattribwixxi t-twettiq ta' reat kriminali lir-rikorrent fis-sens illi skond l-intimat dan kien b'xi mod uża l-influwenza

tiegħu fuq il-Pulizija sabiex jostakola l-ġustizzja u persuni li allegatament kienu qrib "ħafna ħafna tiegħu" fir-ċirku ta' drogi, ma' jinqabdux.

42. Mill-provi jirriżulta li mhux talli ma ġewx identifikati dawn il-persuni fix-xhieda iżda li *di piu* l-intimat l-Onor. Joe Mizzi straħ fuq informazzjoni li huwa rċieva telefonikament mingħand persuna li l-anqas biss ma identifika' fix-xhieda tiegħu. F'dan ir-rigward issir riferenza għal dak li ngħad mill-Imħallef Ingliż David Eady fis-sentenza tal-*High Court* tal-Ingilterra u Wales fl-ismijiet **Lowe v Associated Newspapers Ltd | [2006] 3 All ER 357:**

*"It is not permitted to plead fair comment if the commentator was doing no more than regurgitating the opinions of others without any knowledge of the underlying facts – still less if he was simply echoing rumours"*

43. Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni ta' xniegħa (anke jekk strettament ma' ġietx ippreżentata d-difiża tal-ġustifikazzjoni tal-fatti) ossia dik li bl-Ingliż hija magħrufa bħala "rumour", il-Qrati tal-Ingilterra u Wales sostnew għal diversi drabi illi din tirrikjedi mhux li l-intimat jressaq provi li verament ix-xniegħa kienet teżisti, iżda li jressaq provi konklussivi illi jippruvaw illi x-xniegħa kienet tabilħaqq vera.[62] Il-Qorti tikkondividi bi sħiħ dan l-insenjament ġudizzjarju u mill-provi mressqa, anke mix-xhieda tal-intimat Joe Mizzi nnifsu, ma' tarax li b'xi mod l-allegazzjonijiet esposti fix-xandira ġew ippruvati bħala veri. Anzi, l-istess Joe Mizzi kien pjuttost ċar illi huwa personalment qatt ma' rċieva xi komunikazzjoni jew b'xi mod ġie influwenzat mir-rikorrent, u kien qed jibbaża d-dikjarazzjonijiet tiegħu fuq dak li qallu terza persuna li terġa u tgħid mhux neċessarjament kien jaf bil-fatti personalment.

44. Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Falzon v Malta**[63], deċiża fil-20 ta' Marzu 2018, f'liema sentenza l-Qorti fost affarijiet oħra daħlet ukoll fuq il-kunċett ta' '*value judgements*' f' kuntest ta' diskors politiku. F' din is-sentenza l-Qorti qalet fost oħrajn is-segwenti:-

*"Indeed questioning the behaviour of a politiċian and holding the latter to account undoubtedly contributes to a debate of general interest for Maltese society as a whole.*

---

[62] Ara fost oħrajn **Chase v. News Group Newspapers Ltd.**, [2002] EWCA (Civ) 1772, [2003] E.M.L.R. 11, 218 (C.A.) u **Lewis v. Daily Tel. Ltd.,** [1964] A.C. 234 (H.L.).

[63] **Falzon v Malta** (45791/13) ECHR 106 (2018)

*In this connection the Court reiterates that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate concerning questions of public interest (see Bédat v. Switzerland [GC], no. 56925/08, § 49, ECHR 2016 and Karácsony and Others v. Hungary [GC], nos. 42461/13 and 44357/13, § 144, ECHR 2016 (extracts)).”*[64]

*“64. The Court reiterates that Article 10 protects not only the substance of the ideas and information expressed, but also the form in which they are conveyed. Consequently, it is not for this Court, or for the national courts for that matter, to substitute their own views for those of the press as to what reporting technique should be adopted by journalists. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see, with further references, Bédat, cited above, § 58). In that light, the Court takes issue with the decisions of the domestic courts concerning unuttered statements, and their decisions to consider certain statements as factual (which they claimed had not been proved), as opposed to value judgments. Indeed, the Court's case-law has shown a broad and liberal interpretation of “value judgments” when it comes to journalistic freedom on matters of public interest, particularly concerning politiċians (see, for example, Unabhängige Initiative Informationsvielfalt v. Austria, no. 28525/95, §§ 9 and 41, ECHR 2002-I, and Desjardin v. France, no. 22567/03, §§ 42, 48-49, 22 November 2007).”*[65]

*“65. It is true that even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment without any factual basis to support it may be excessive (see De Haes and Gijsels v. Belgium, 24 February 1997, Reports of Judgments and Decisions, § 47, and Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II).” However, in the instant case the factual basis at issue is to be found in the deputy leader's own speech, which he made in public (compare, Brasilier v. France, no. 71343/01, §§ 38 and 41, 11 April 2006).”*

45. Issa f'din il-kawża huwa veru li l-intimat Joe Mizzi m'huwiex ġurnalista u l-intimat l-ieħor ma' ġiex imfittex fil-vesti tiegħu ta' ġurnalista u allura hawnhekk m'hawn l-ebda kwistjoni ta' *journalistic freedoms* iżda l-istess insenjament japplika f'dak li għandu x'jaqsam l-importanza li kwalunkwe *value judgement* jkollu a *“sufficient factual basis”.*

---

[64] Falzon v Malta (45791/13), para. 58 ECHR 106 (2018)

[65] Falzon v Malta (45791/13), para. 64 ECHR 106 (2018)

Il-Qorti ma' tarax illi l-intimati rnexxielhom jippruvaw illi l-*value judgement* tagħhom kellu din il-bażi fattwali suffiċjenti.

46. Fil-waqt li l-Qorti tifhem li l-intervista seħħet fl-isfond ta' avvenimenti politiċi jaħarqu li seħħew dak iż-żmien u li kienu ta' interess pubbliku, madanakollu dan il-kuntest ma jiġġustifikax li jsiru inferenzi u allegazzjonijiet skorretti fil-konfront ta' persuna li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta' dak li jkun. Kif ġa ngħad, sabiex tirnexxi d-difiża ta' *fair comment* u *value judgement* mressqa mill-intimati irid jintwera li l-imputazzjonijiet ta' motivi korrotti jew diżonesti kienu ġustifikabbli jew mistħoqqa. Għall-qarrej ordinarju l-inferenzi li saru fil-konfront tar-rikorrent jimplikaw b'mod ċar li r-rikorrent uża l-influwenza tiegħu b'mod inġust fuq l-istituzzjonijiet tal-Istat, li kien parteċipi f'reat kriminali ta' *"obstruction of Justice"* u li saħansitra kellu assoċjazzjoni ma' persuni involuti fiċ-ċirku tad-drogi. Dawn l-allegazzjonijiet irriżultaw skorretti u għalhekk din id-difiża ma' tistax tirnexxi.

**Id-dritt ta' kronaka**

47. Eċċezzjoni oħra mressqa din id-darba mill-intimat Kurt Farrugia hija dik illi x-xandira tikkonsisti f'*"rappurtaġġ ġurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku ..."*

48. Il-Qorti kif diġa qalet taqbel illi d-dikjarazzjonijiet impunjati kienu jittrattaw materja ta' interess pubbliku. Li persuna pubblika (anke jekk fiż-żmien in kwistjoni r-rikorrent ma' kienx jokkupa kariga fl-amministrazzjoni) juża pressjoni indebita fuq xi istituzzjoni tal-Istat, jew jipparteċipa f'atti kriminali, partikolarment atti li jikkonsistu f'delitti kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, hija ċertament materja ta' interess pubbliku u politiku.

49. F'dan ir-rigward intqal mill-Qrati tagħna illi

*"fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("fair") u li meta jkun hemm*

*ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ*[66]"

*"hija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill ġurisprudenza, illi d divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' kronaka. Dan l eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfazzjon ta' l interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva."*[67]

50. Kemm mis-sentenzi tal-Qrati tagħna u kemm mill-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta ċar illi d-dritt ta' kronika huwa protett biss meta l-kronaka tkun neċessarja għas-sodisfazzjoni tal-interess pubbliku jew inkella tirrigwarda affarijiet li huma ta' *public concern* u inoltre tkun tikkonċerna fatti veri esposti riżultanti minn riċerka serja, diliġenti u kompleta.

51. Fil-każ in kwistjoni, apparti li kif diġa ngħad l-fatti allegati sostanzjalment jirriżultaw li m'humiex korretti, l-intimat Farrugia ma' ġiex imfittex fil-vesti tiegħu ta' ġurnalista iżda fil-kapaċità tiegħu ta' editur reġistrat tal-istazzjoni televiżiv ONE[68]. Filfatt l-intimat Farrugia ma' kellu x'jaqsam xejn max-xandira lamentata għajr illi kien l-editur reġistrat tal-istazzjoni tat-televiżjoni li xandar l-intervista.[69] Għalhekk din id-difiża ukoll ma' tistax treġi.

**Prova tal-malafama u tal-ħsara sofferta**

52. L-intimati jeċċepixxu ukoll illi "*l-pubblikazzjoni indikata mill-attur m'hijiex libelluża fil-konfront tiegħu*"

53. Tajjeb jingħad illi fil-*common law* kliem inġurjuż li jatribwixxu t-twettiq ta' reat kriminali ta' ċertu portata huma *"actionable per se"* u l-Qorti ma' jkollix għalfejn tindaga jekk il-kliem effettivament ikkawżawx ħsara lill-persuna malafamata:

---

[66] App. Ċiv. 26.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Norman Beżżina vs Joe Mifsud** kif ikkwotata fis-sentenza **Louis Galea v. Etienne St. John et.** (946/1997/1 JRM, PA, 30/04/2015)
[67] **Albert Caruana v. Gino Cauchi** (App. Ċivili Nru. 775/02, 23/06/2004)
[68] Fol. 28
[69] Fol 99

*"Spoken words are also defamatory when the imputation cast by them on the plaintiff is on the face of it so injurious that the Court will presume, without any proof, that his reputation must be impaired thereby. And the Court will so presume in three cases :-*

*1. Where the words charge the plaintiff with the commission of some indictable offence ...*

*... Spoken words, which impute that the plaintiff has been guilty of an indictable offence, are actionable without proof of special damage"*[70]

54. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et**.' (App. Civ. Nru. 992/1997/1 – 28.03.2014):

*"... din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjita` ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tieghu"*

55. Ġie stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza nostrana[71] u anke dik Ingliża illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed għandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph**[72]:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."*

---

[70] Odgers, W B. *A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases*. 1881, p. 54, 55
[71] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (Rif Nru 947/1997/2 deciza fid-19 ta' April 2005)
[72] [1964] A.C. 234, 258.

56. L-allegazzjonijiet magħmula fuq ir-rikorrent jalludu fl-aħjar ipoteżi għal pressjoni indebita fuq il-Pulizija Eżekuttiva u/jew fuq istituzzjonijiet oħra tal-Istat, u fl-agħar ipoteżi għal reat ta' tfixkil fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-Qorti tinnota li l-intimat Mizzi żamm ferm mal-allegazzjonijiet tiegħu u reġa' sostnihom matul ix-xhieda tiegħu. L-*animus iniuriandi* huwa preżunt meta l-kliem li jingħad ikun inġurjuż. Din il-preżunzjoni hija iuris tantum li sservi biex tixhed fuq l-intimat l-piż tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-*animus*. Il-*bwona fede* tad-diffamatur ma għandiex x'taqsam. Ghax xejn ma jservi lilu li jipprova li hu jaħseb li l-addebitati minnu magħmul kien veru.[73]

57. Il-Qorti tħoss illi d-diskors tal-intimat fix-xandira lamentata kien jikkonsisti fi kliem inġurjuż illi ġew mlissna mill-intimat mingħajr ma' kien hemm l-iċken tentattiv min-naħa tiegħu sabiex jiġu verifikati l-"fatti" li ġew a konoxxenza tiegħu snin qabel. Dan minkejja li l-intimat kellu diversi snin sabiex jagħmel dan (i.e. għaddew kważi ħmistax-il sena minn meta l-intimat Mizzi kien jokkupa l-kariga ta' Ministru sad-data tax-xandira)! Ir-rikorrent għalhekk safa mċappas pubblikament b'mod li r-reputazzjoni tiegħu ġiet imtappna.

**Kwantum tad-danni**

58. Fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Madanakollu kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'** (ECLI:MT:AINF:2018:114767 – 18.12.2018 – Imħallef Anthony Ellul):

*"jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*

[73] **Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi** (QTA:CIV:285:1994:2 deciza fil-21 ta' Gunju 2005)

- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri;"*

59. Il-Qorti tikkunsidra illi l-allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti m'humiex leġġeri u ċertament kienu malafamanti fil-konfront tiegħu. L-intervista seħħet waqt servizz tal-aħbarijiet fuq stazzjon televiżiv li għandu firxa wiesa' ta' semmiegħa lokalment. L-intimati ma' offrew l-ebda apoloġija u anzi baqgħu jinsistu fuq l-allegazzjonijiet matul il-proċess kollu tal-kawża. Il-Qorti tikkunsidra ukoll illi minħabba l-posizzjoni pubblika u politika li kien jokkupa r-rikorrent qabel u wara li allegatament seħħew il-fatti allegati, l-livell ta' kritika lejh setgħet tkun ferm ogħla minn dak li jsir fir-rigward ta' persuni oħra. Naturalment dan ma' jiġġustifikax il-ħażin li sar meta din il-kritika ġiet ibbażata fuq fatti skorretti.

60. Meħuda dawn l-elementi kollha in konsiderazzjoni l-Qorti tikkunsidra li fiċ-ċirkustanzi s-somma li għandha tiġi likwidata bħala danni taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun dik ta' elf euro (€ 1,000).

61. Finalment għal kull bwon fini l-Qorti tħoss illi jkun appożitu tirrimarka illi din il-kawża ħadet aktar minn disa' snin biex tiġi deċiża. Dan id- dewmien huwa prinċipalment attribwit peress li l-qorti kienet qed tistenna l-eżitu ta' referenza kostituzzjonali li saret fl-atti ta' proċeduri ta' libell kriminali fl-ismijiet "Pulizija (Spt. Sandro Camilleri) vs Onor Joe Mizzi u Kurt Farrugia" liema proċess ġie allegat ma' dan il-proċess kif ordnat b' verbal tal-14 ta' Mejju 2018. Intant il-proċeduri tal-kawża kriminali ġew eżawriti peress li laħaq daħal *in vigore* l-Kap. 579 li "qatel" il-libelli kriminali darba għal dejjem.

**Deċiżjoni**

62. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tilqa' t-talba tar-rikorrent b'dan illi:**

    1. **Tiddikjara illi parti mid-diskors imxandar mill-intimat l-Onor. Joe Mizzi waqt l-aħbarijiet ta' One TV tat-13 ta' Lulju 2012 fis-7:30 pm – ta' liema stazzjon l-intimat Farrugia huwa l-editur reġistrat – kien libelluż fil-konfront tar-rikorrent u kellu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-istess rikorrent.**

    2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrent is-somma ta' elf euro (€ 1,000) bħala danni likwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 28(1) tal-**

**Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

3. **Tordna lill-intimati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |